# Bradelli u Bankuni

Dun Gino Gauci



Fil-knejjes parrokkjali li mbnew lejn l-aħħar tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, tista' tgħid li, minħabba l-istil tal-arkitettura tagħhom, l-elementi kollha fuq ġewwa li jżejnuhom huma ta' xejra barokka jew b'xi mod influenzati minn dan l-istil. Dawk li ħejjew id-disinni ta' statwi u għamara li saret fihom, kollha ħarsu lejn mudelli li saru qabel fi knejjes oħra viċin, meta mhux ukoll 'l bogħod aktar mix-xtut tagħna. L-iskulturi li ħadmu l-istatwi kollha li jimlew in-niċeċ fil-knejjes tagħna, b'mod speċjali dawk proċessjonali, imxew fuq mudelli li kienu jinsabu f'pajjiżi bi tradizzjoni barokka qawwija, bħal ngħidu aħna l-Italja, Spanja u anki Franza. Meta skultur ikun għadda xi żmien jitħarreġ barra minn gżiritna, malli jerġa' lura f'pajjiżu, mill-ewwel kien jingħata xogħolijiet importanti. U anki, kif dejjem ġara, madwaru jitrawmu skulturi oħra li forsi ma jkollhom qatt dik l-opportunita' bħalu li jitħarrġu ma' skultur barrani famuż. Meta naqraw il-kuntratti bejn min jordna xi statwa u l-iskultur, mhux l-ewwel darba li n-nutar iniżżel li l-istatwa trid tkun tixbaħ statwa li tkun saret minn skultur ieħor u li tkun għoġbot lil klient! Hekk kien jiġri wkoll f'oġġetti oħra bħalma huma altari, pulpti, gallariji tal-orgni, korijiet tal-injam u anki bradelli u bankuni li kienu jintużaw ma' tip ta' statwi.

Il-bradella u l-bankun ta' taħta huma żewġ elementi mill-għamara tal-knisja li dejjem issibhom fejn l-istatwa tkun esposta fil-knisja għal xi żmien u f'ħafna mill-każi din tkun ser tintuża għal xi purċissjoni. L-istatwa tista' tkun dik titulari, jew marbuta ma' xi fratellanza jew waħda ta' xi devozzjoni partikolari jew waħda minn sett ta' vari hekk msejħa 'tal-Ġimgħa l-Kbira'. Dawn ta' l-aħħar huma tip ta' statwi li l-bradella u l-bankuni tagħhom xi drabi huma differenti minn dawk fejn jintuża pedistall taħt l-istatwa. Wieħed jifhem għalhekk li min jiddisinja l-bradella u l-bankun irid dejjem jagħti każ tal-funzjoni li għalih ser jintużaw. Il-bankun huwa biss il-bażi li fuqu sserraħ il-bradella u li l-għoli tiegħu huwa dejjem, bejn wieħed u l-ieħor, marbut mat-tul tar-reffiegħa. B'danakollu ħafna drabi l-bankun, artistikament, jingħata importanza daqs il-bradella jekk mhux aktar ukoll speċjalment fil-każ ta' statwa titulari. Hekk ukoll il-bradella, minnħabba l-fatt li din tintrabat ma' l-istatwa u tinġarr flimkien magħha fil-purċissjoni, tkun dejjem mogħtija attenzjoni f'dak li hu disinn u xogħol artistiku.

Għalkemm l-artist jew id-disinjatur huwa marbut ma' forma tradizzjonali ta' bradella iżda xorta waħda għandu ħafna spazju fejn juri l-kapaċita' tiegħu. L-ewwelnett il-binja ta' bradella titlob ħsieb kbir dwar it-toqol tal-istatwa u kemm sejrin jerfugħha nies. Importanza kbira hija mogħtja lill-'arkitettura' tal-bradella. Mijiet ta' bradelli li għalkemm jidhru l-istess imma dejjem ikollhom xi ħaġa differenti. L-iskultura ħafna drabi tiżżewweġ ma' l-arkitettura fi spazji li l-artist jagħżel b'reqqa kbira sabiex joħloq bilanċ li jpaxxi l-għajn. Barra minnhekk l-artist għandu ħafna tipi ta' injam minn fejn jagħżel u mill-għarfien ta' dan il-materjal mhux biss jiddependi kemm isservi fiż-żmien il-bradella iżda wkoll l-aspett estetiku tagħha. Hawn wieħed ikun jista' jammira l-kapaċita' tiegħu bil-mod kif iqiegħed flimkien injam ta' konsistenza u lewn differenti. Dan jidher b'mod speċjali fejn jidħol l-interzjar fl-injam li mhux biss iżejjen iżda f'ċerti każi jiddistingwi bradella minn oħra. Mhux rari li ssib ukoll xi elementi dekorattivi fil-fidda jew bronż li jkomplu jżidu fl-aspett estetiku u l-oriġinalita' u l-kapaċita' tal-artist.

It-tradizzjoni ta' bradelli artistiċi fil-parroċċa taż-Żejtun tmur 'l bogħod fiż-żmien. Kien hawn mastrudaxxi-mgħallmin li b'imħabba kbira lejn l-arti tagħhom, u anki biex joffru l-aħjar u l-isbaħ lil Dak li jemmnu fih, ħallew warajhom xogħolijiet mill-aqwa li wieħed għadu jista' jammirhom. Jispikkaw f'dawn il-ġranet il-bradella u l-bankun taħt l-istatwa titulari ta' Santa Katarina.



**Bradella u Bankun ta' S.Katarina (1909)**



***Bradella u Bankun ta' S.Ġużepp (1906)***

Bejn l-1904 u l-1911 erbgħa mgħallmin Żwieten, Spiru Ellul magħruf bħala 'l-Imkemmxa', Leli Caruana, 'ta' Messa', flimkien ma' ċertu Ġanninu 'ta' Betti' u ieħor imsejjaħ 'Żera Żera', ħasbu li joffru bla ħlas bradella u bankun lill-qaddisa tagħhom. Sejħu lil Giuseppe Decelis biex jagħmillhom id-disinji meħtieġa biex jibdew ix-xogħol u jidher li l-interzjar tħalla f'idejn isem ieħor magħruf fl-ebanisterija maltija dak ta' Manuel Buhagiar. Wara r-restawr metikuluż li sar fl-2009 minn Vince Abela, illum nistgħu napprezzaw id-dehen u l-għaqal ta' dawn l-imgħallmin flimkien. Id-disinn meqjus u mistrieħ, l-għażla tal-injam u materjali oħra jagħmlu minn din l-opra waħda spettakolari. Ta' l-istess żmien huma l-bradella u l-bankun ta' San Ġużepp (1908) li ġew iddisinjati u maħduma minn mastrudaxxa ieħor żejtuni – Mosè Dalmas. Jidher li ried jagħti risposta lil min ħallih barra mill-proġett tal-bradella u l-bankun ta' Santa Katarina u għalhekk Dalmas għamel kollox waħdu mil-bidu sa l-aħħar. Meta wieħed jifli sewwa x-xogħol fl-injam jinduna li f'ċerti partijiet is-sengħa u l-bravura ta' l-imgħallem f'dan ix-xogħol jissupera bil-bosta lil dak tal-erbgħa mgħallmin flimkien! Ħasra li llum din il-bradella u l-bankun tagħha jinsabu fi ħtieġa kbira ta' restawr.

Matul il-Ġimgħa l-Kbira, fil-parroċċa taż-Żejtun, wieħed ikun jista' wkoll josserva kemm din it-tradizzjoni hija qawwija. Ħafna mill-bradelli huma festa għall-għajnejn minħabba x-xogħol li fihom f'dak li hu disinn, interzjar u skultura. L-għażla li l-bankuni jkunu kollha l-istess kienet deċizjoni f'postha tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira biex tinħoloq uniformita' fl'aspett ġenerali. Hemm bradelli li saru żmien twil ilu, b'mod speċjali dawk minn Mosè Dalmas u dawn ispiraw mastrudaxxi-mgħallin ta' żminijietna biex joħolqu bradelli ta' livell għoli. Dan l-aħħar żdiedet bradella oħra ta' 'Kristu u Ġuda'. Din ħadet il-post ta' oħra li kien hemm qabel. Id-disinni u x-xogħol fl-injam u l-interzjar saru minn Vince Abela, waqt li l-bankun inħadem minn Ġorġ Cassar. Saru wkoll dekorazzjonijiet fil-fidda maħduma minn Anthony Aquilina u l-lostru finali ngħata minn Ludric Vella.

Jidher li l-istorja mhix ser tieqaf hawn! Wara kull purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira dejjem jissemmew proġetti marbuta mat-tisbiħ tal-vari u l-bradelli tagħhom. Dan ifisser li t-tradizzjoni ser tkompli u l-mastrudaxxi-mgħallmin żwieten ikomplu fejn ħallew ta' qabilhom, isaħħu l-patrimonju artistiku lokali u nazzjonali.

Ref.
Abela Joe Rev., *Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet*, 2006
Abela Vince, *Rapport Restawr Bradella u Bankun Vara S.Katarina* – Żejtun, 2009



***Il-Bradella ta' Kristu u Guda (2014) Dettal tal-interzjar.***